# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru 4**

**Rikors Kostituzzjonali numru 53/14 SM**

**Gafà Saveways Limited; u b'digriet datat l-1 ta' Settembru 2014 jizdiedu l-kliem, Domenic Gafà, Paulette Gafà u Antoinette Gafà**

***v.***

**Avukat Ġenerali; Kummissarju tal-Pulizija; Direttur Ġenerali tal-Qrati Ċivili u Tribunali; Onorevoli Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2015 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza

tagħha kostituzzjonali li, wara li ħelset lill-konvenuti l-oħra mill-ħarsien tal-ġudizzju, laqgħet talba tal-atturi għal dikjarazzjoni illi deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ngħatat bi ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"], u ordnat illi l-proċess li wassal għal dik id-deċiżjoni jinstema' mill-ġdid.

2. Il-fatti li wasslu għall-kawża tallum seħħew hekk: L-atturi Domenic, Paulette u Antoinette Gafà tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti ta' Ġudikatura Kriminali mħarrka talli, bħala diretturi jew uffiċjali tas-soċjeta attriċi *Gafà Saveway Limited*, naqsu li jħarsu r-reg. 6 tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħinijiet tax-Xogħol[1] dwar perjodu ta' mistrieħ kull ġimgħa għall-ħaddiema. Il-kawża, fl-ismijiet Il-Pulizija *v.* Antonia Gafà *et*, tqiegħdet fuq il-lista tat-23 ta' Ottubru 2013. Dakinhar tniżżel dan il-verbal li qiegħed jinġieb hawn *verbatim*:

> "Meta ssejħet il-kawża dehret Dr Elizabeth Borg għad-Dipartiment għall-Prosekuzzjoni PC 595 J Grech u Sup Joseph Chalker
>
> "Deher Dr Edward Gatt għall-imputat Dominic Gafà li jinsab imsiefer, dehret Paulette Gafà
>
> "Dehru l-*parte civile*
>
> "Ma ġietx reġistrazzjoni [*sic*] eċċezzjoni.
>
> "Il-kawża differita għat-18 ta' Frar, 2014"

[1] L.S. 452.87.

3. Inħarġu t-taħrikiet għan-notifika tad-data tas-seduta tat-18 ta' Frar 2014 u jidher illi n-notifiki saru regolarment[2]. Fit-18 ta' Frar 2014 imbagħad tniżżel dan il-verbal li wkoll qiegħed jinġieb hawn *verbatim*:

> "Meta ssejħet il-kawża dehru Dr Lynn Spiteri Dalmas u Dr Elizabeth Borg ghad-Dipartiment għall-Prosekuzzjoni WPC35 Rosanne Mifsud u PC825 Theodore Busuttil
>
> "L-imputati msejħa tliet darbiet ma dehrux.
>
> "Riferti posittivi.
>
> "Dehru l-*parte civile*.
>
> "Il-kawża deċiża *R & A*[3]."

4. Fir-rikors li bih fetħu din il-kawża l-atturi jgħidu illi l-fatt illi nstabet ħtija kontra tagħhom *in absentia*, illi ma ġiex dikjarat li nqrat l-akkuża u x'wieġbu huma għall-akkuża, illi ma ntqalx jekk instem-għux xhieda, illi ma ngħatatx lilhom fakoltà li jressqu xhieda, illi ma ngħatawx raġunijiet għas-sejbien ta' ħtija, illi l-proċess tmexxa fl-assenza tagħhom, huma kollha fatti li jwasslu għal ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni. Għalhekk talbu li titħassar is-sentenza kontrihom u illi jingħataw rimedji xierqa.

5. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li fissrit-hom hekk:

> "… … … analiżi tal-istess proċedura jindika s-segwenti:

---

[2] *Foll.* 55 *et seqq* tal-proċess tal-Ewwel Qorti.

[3] *Reprimand and admonition*

“i. illi għalkemm debitament notifikati, l-imputati naqsu li jidhru biex jiddefendu lilhom infushom fil-proċedura *de quo*;

“ii. illi ma jirriżultax li nġabru l-provi tal-prosekuzzjoni li setgħu jitfgħu xi dawl fuq ir-reità ta’ xi azzjoni tal-imputati;

“iii. illi l-ebda motivazzjoni ma tirriżulta li ġiet proskritta [*sic*] bħala l-bażi tal-istess deċiżjoni;

“iv. illi lanqas ġew indikati xi artikli ta’ xi liġi appożita li fuqhom hi bbażata l-istess deċiżjoni riskontrata;

“Ikkunsidrat:

“Illi *in vista* tal-premess għandu jkun paċifiku li l-proċedura riskontrata ma tirriżultax li hi konformi mal-preċetti statutorjament postulati biex jissodisfaw liċ-ċittadin li l-proċedura in diżamina indirizzata fil-konfront tiegħu saret skont il-liġi u li allura tissodisfa l-i*standards* minimi rikjesti għall-proċeduri ta’ din in-natura;

“Illi, in effetti, dak riprodott fil-verbal [tat-18 ta’ Frar 2014] lanqas biss jikkwalifika bħala sentenza skont il-liġi u għandu jkun paċifiku li dak hemm riprodott hu biss verbal riproduċenti dak li effettivament sar fil-proċedura in diżamina;

“Ikkunsidrat:

“… … …

“<u>Ir-Rimedju Ordinarju</u>

“Illi f’dan ir-rigward jiġi sintetikament sottolineat is-segwenti:

“Illi l-proċedura odjerna hi ppernjata fuq il-fatt li l-kontendenti qegħdin ilkoll jassumu li *stante* li fil-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati datat it-18 ta’ Frar 2014, hemm indikat li “Il-kawża deċiża *R & A*”, din hi awtomatikament ekwivalenti għal sentenza skont il-liġi;

“Illi r-rekwiżiti għall-eżistenza ta’ sentenza vera u proprja huma dawk kif stabbiliti mill-artiklu 382 tal-Kodiċi Kriminali:

> ““Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artiklu ta’ dan il-Kodiċi jew ta kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat”;

“Illi għandu jkun manifestament paċifiku li l-kliem “Il-kawża deċiża *R & A*”, ma jistgħu qatt jikkwalifikaw bħala “sentenza” regolari kif kontemplata fid-dawl tal-artiklu 382 tal-Kodiċi Kriminali fuq riprodott *stante* li din: i. la tgħid il-fatti li tagħhom instabu ħatja l-akkużati in diżamina; ii. lanqas tindika bi preċiżjoni l-artikli tal-Kodiċi Kriminali jew ta’ kull liġi oħra kkontemplata fir-reat ippostulat;

“Illi għalhekk għandu jkun paċifiku li l-fatti li jirriżultaw jindikaw li l-verbal in diżamina datat it-18 ta’ Frar 2014 ma jammontax għal sentenza kif kontemplata mil-liġi *stante* li karenti mill-fatti li setgħu ġew analizzati u mill-artikli tal-liġijiet involuti kif espressament statutorjament rikjest;

"Illi għalhekk l-intimati jirriżultaw li huma leġittimament diżorjentati fl-għażla tar-rimedju li jistgħu jippreferu biex jattakkaw tali indikażżjoni kurjali in diżamina;

"Illi konsegwentement l-uniku rimedju loġikament rimanenti lir-rikorrenti biex jattakkaw l-imsemmi operat tal-Qorti tal-Maġistrati hu effettivament dak kif kontemplat fil-Kostituzzjoni ta' Malta, senjatament dak kif intrapriż mill-istess rikorrenti odjerni f'din il-proċedura;

"Illi konsegwentement, din ir-risposta tal-intimati qed tiġi respinta;

"Ikkunsidrat:

"Smigħ Xieraq

"Illi f'dan ir-rigward jiġi sottolineat sintetikament is-segwenti:

"Illi skont l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jirrifletti l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporat fil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ir-rekwiżiti meqjusa essenzjali għall-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, hemm elenkati numru ta' rekwiziti meqjusa essenzjali biex jintlahaq dan l-iskop, fosthom senjatament: i. aċċess għal proċedura serja; ii. liema proċedura jkollha l-attributi kollha li tassigura l-possibilità ta' rieżami ġudizzjarju indipendenti;

"Illi għalhekk l-aċċess għall-*forum* ġudizzjarju għandu jkun assigurat b'mod attwali kemm proċeduralment u kif ukoll b'mod sostantiv, u mhux sempliċement b'mod formalistiku;

"Illi fil-proċedura kriminali in diżamina jirriżulta li l-imputati kienu debitament notifikati iżda ma dehrux fil-ġurnata u ħin appuntati għall-kawża;

"Illi fih innifsu dan in-nuqqas tal-imputati ma jwassalx biex il-kawża titkompla u tiġi deċiza, u hu għalhekk s'issa rikjest li l-proċedura titmexxa b'mod differenti minn dawk kif jirriżulta li tmexxiet;

"Illi sa dak il-mument, munita bir-riferta posittiva tan-notifika tal-imputati, il-prosekuzzjoni setgħet biss titlob li l-istess imputati jitressqu b'arrest fil-qorti f'seduta oħra appożitament stabbilita;

"Illi hu paċifiku li din il-proċedura indikata fil-paragrafu preċedenti ma seħħitx;

"Illi għalhekk għandu jkun paċifiku wkoll li l-operat riskonstrat u fuq sintetikament elenkat hu effettivament ekwivalenti għal karenza proċedurali gravi fil-konfront tar-rikorrenti li kkontaminat il-kumplament tal-*iter* proċedurali u li tgħajjat għal rimedju effettiv immedjat biex tirraddrizza l-akkadut fl-interess tal-ġustizzja;

"Ikkunsidrat:

"Illi tenut kont tas-suespost jirriżulta assodat li r-rekwiżiti kontemplati mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mill-artiklu 6 tal-

Konvenzjoni Ewropea kif inkorporat fil-Kap. 319 fuq riferit, huma debitament sodisfatti, *stante* li l-proċedura statutorjament stabbilita biex tiġi kondotta kawża ta' natura kriminali kontra inputat ma tirriżultax li ġiet debitament esegwita. Bl-istess operat l-imputati ġew privi mill-possibilità tar-ri-eżami minn qorti oħra indipendenti, billi *stante* li l-imputati rikorrenti odjerni lanqas biss kienu konxji tad-deċiżjonijiet meħuda kontra tagħhom, lanqas kienu f'posizzjoni li jipprotegu d-drittijiet tagħhom fir-rigward;

"*Nonostante* s-suespost, tifhem is-sens t'urġenza tal-Qorti tal-Maġistrati biex tespleta l-inkarigu lilha mogħti bi speditezza, però fl-istess ħin għandu wkoll ikun paċifiku r-raġuni għall-ispeditezza m'għandha qatt tissupera l-garanzija tal-operat rett tal-proċedura fit-termini tal-parametri legali skont il-liġi li in effetti hi ekwivalenti għall-attwazzjoni vera tas-sovranità tad-dritt fuq id-diskrezzjoni illeġittima;

"Ikkunsidrat:

"Illi fl-esekuzzjoni tal-oneru tagħha li twettaq id-disposizzjonijiet protettivi in diżamina kommunament u sempliċistikament meqjusa bħala "drittijiet fundamentali tal-bniedem", din il-qorti għandha, *ai termini* tal-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, "... ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna ... u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna;

"Illi għalhekk, stabbilit li bl-operat in diżamina ġie leż id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq skont il-Kostituzzjoni u Konvenzjoni *de quo*, analiżi ta' x'għandu jkun ir-rimedju opportun hu issa essenzjali;

"Ikkunsidrat:

"Illi r-rimedju ovvju hu sempliċement dak li fiċ-ċirkostanzi li jirriżultaw jingħata rimedju pekunjarju favur ir-rikorrenti;

"Illi għandu jingħad li f'dan il-każ jekk isir hekk din il-qorti tkun qed tekwipara valur pekunjarju għall-inġustizzja gravi li seħħet fil-konfront tar-rikorrenti konsistenti fil-fatt li verbal qed jittieħed bħala sentenza;

"Illi din il-qorti tqis dan ir-rimedju bħala wieħed inadegwat, anzi repunjanti, li ma jattwax dik il-ġustizzja rikjesta mill-proċedura odjerna fil-konfront tar-rikorrenti u jservi biss biex jitfa' piż finanzjarju indebitu fuq iċ-ċittadin inermi li jħallas it-taxxi kollha minnu dovuti u li għalhekk m'għandux jiġi ppenalizzat b'tali rimedju;

"Illi finalment għandu jkun paċifiku li proċedura bħal dik riskontrata hawn in diżamina għandha tkun evitata *stante* li titfa' dawl ikrah fuq l-operaturi kollha involuti, inklużi l-istess rikorrenti;

"Illi *nonostante* dan, u tenut kont tal-fatt li l-verbal tat-18 ta' Frar 2014 mhux qed jiġi meqjus bħala "sentenza" skont il-liġi minn din il-qorti, rimedju serju u adegwat hu meqjus indispensabbli għall-attwazzjoni tal-ġustizzja kif hawn rikjesta;

"Illi *in vista* tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li fil-mertu r-rikorrenti pprovaw il-każ tagħhom skont il-liġi … … … u konsegwentement:

"… … …

"• tiddikjara li l-operat tal-qorti in diżamina, fejn verbal tagħha qiegħed jitqies ekwivalenti għal sentenza, jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti kif protett fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporat fil-Kapitlu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

"• tordna li in forza tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dak indikat fil-verbal tal-Qorti tal-Magistrati datat it-18 ta' Frar 2014 mhux ekwivalenti għal sentenza skont il-liġi, u konsegwentement, bħala rimedju effettiv fir-rigward, tordna li l-proċedura hemm indikata tinstema' mill-ġdid biex din id-darba tiġi mmexxija skont il-liġi, sal-konklużjoni leċita tagħha;

"Bl-ispejjez ta' din il-proċedura kontra l-intimat Avukat Ġenerali."

6. L-Avukat Ġenerali appella minn dik il-parti tas-sentenza li sabet ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u ordnat li jingħata rimedju b'rikors tas-17 ta' Lulju 2015 li għalih l-atturi wieġbu fil-11 t'Awissu 2015. L-aggravji tal-appell huma i. illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiddikjara illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx sentenza għax dik il-kwistjoni ma ġiet imqanqla minn ħadd mill-partijiet; ii. illi l-Ewwel Qorti kellha tilqa' l-eċċezzjoni illi l-atturi ma nqdewx bir-rimedju li tagħtihom il-liġi ordinarja; u iii. illi ma kien hemm ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

<u>Dwar jekk l-Ewwel Qorti kellhix tqis illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx sentenza</u>

7. L-ewwel aggravju ġie mfisser hekk mill-Avukat Ġenerali:

> "… … … l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tiddikjara minn jeddha li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma tagħmilx sentenza valida skont l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qed jingħad għaliex din il-kwistjoni ma ġiet imqajma minn ħadd mill-partijiet waqt il-kawża. Tassew ir-rikorrenti appellati qatt ma sejsu l-każ kostituzzjonali tagħhom fuq il-fatt li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma tirriflettix il-vot tal-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijet ta' Malta. Għalhekk meta l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati hija leżiva għall-jedd ta' smigħ xieraq minħabba din ir-raġuni, hija ġiet li ħarġet 'il barra mill-parametri tal-azzjoni tar-rikorrenti u b'hekk inkorriet fil-vizzju tal-*ultra* petizzjoni.
>
> "… … …
>
> "Fil-każ tallum la r-rikorrenti u lanqas l-intimati ma ddiskutew is-siwi tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati mil-lenti tal-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-raġunijiet miġjuba mir-rikorrenti għat-tħassir ta' din is-sentenza kienu xort'oħra. Għalhekk fil-fehma tal-esponenti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx taqta' l-kwistjoni fuq punt li qatt ma kien kontrovers bejn il-partijiet kontendenti waqt il-kawża;
>
> "Jiġi b'hekk li meta l-Ewwel Onorabbli Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha u anke ċaħdet ċertu eċċezzjonijiet tal-intimat fuq dan il-punt hija ġiet li ħarġet 'il barra mill-parametri tal-azzjoni sottomessa lilha;
>
> "Barra minn dan, bl-imġieba tagħha, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset ukoll milli tagħti l-opportunità lill-intimat li jressaq l-argumenti tiegħu dwar dan il-punt qabel il-pronunzjament tas-sentenza. Dan kollu bi ksur tal-prinċipju inderogabbli tas-smigħ xieraq. Kemm hu hekk, il-punt legali dwar l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta mqajjem *ex officio* mill-Ewwel Onorabbli Qorti ġie fuq l-esponent għall-għarrieda u b'sorpriża fis-sentenza. Jiġi b'hekk li l-esponent ġie preġudikat għaliex ma kellux l-opportunità li jgħid tiegħu fuq dan l-aspett;
>
> "… … …
>
> "Dan premess, is-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti mhux biss hija *extra/ultra petita* għaliex ingħatat fuq punt tad-dritt li ma kienx in diskussjoni bejn il-partijiet kontendenti iżda hija wkoll vizzjata mill-aspett ta' ġustizzja naturali għaliex ma offriet l-ebda fakoltà lill-esponent biex jiddefendi ruħu dwar dan il-punt."

8. Għal dan l-aggravju l-atturi ma wieġbux speċifikament iżda għamlu biss l-osservazzjonijiet miġjuba hawn taħt li, iżda, ma jindirizzawx l-aggravju speċifiku mressaq mill-Avukat Ġenerali:

> "Illi l-ilment prinċipali tal-esponenti u kif maqbul minn l-Ewwel Qorti huwa wieħed pjuttost sempliċi, *ossia*, la darba l-qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma osservatx fil-konfront tal-esponenti r-regoli li jiregolaw il-proċedura u li anke waslet biex tagħti sentenza, kif qatt jista' jingħad b'rispett li ma kienx hemm ksur ta' smigħ xieraq mal-esponenti kif b'diffikultà qed jittanta jissottometti l-appellanti. Illi huwa bid-dovut rispett u ma hemmx għalfejn wieħed joqgħod jipotesizza li mal-esponenti saret inġustizzja lampanti, kull kumment kuntrarju u kull deċiżjoni kontra ta' dina r-riflessjoni tkun fl-umli opinjoni tal-esponenti mhux ġustizzja imma oltraġġ tal-ġustizzja.
>
> "Illi l-qorti fil-kawża msemmija kellha tagħmel ħaġa waħda biss u *cioè* timmulta lill-esponenti tal-assenza tagħhom, u tordna li għas-seduta li jmiss jinħareġ mandat ta' arrest kontra l-akkużati. Fin-nuqqas ta' ammissjoni (peress li l-kawza kienet ikkontestata), l-Ewwel Qorti biex issib xi forma ta' ħtija kellha alumenu tisma' xi provi, ħaġa li ma għamlitx u li fl-assenza tal-akkużati kienet legalment prekluża milli tagħmel. Illi għalhekk huwa ovvju fl-umli opinjoni tal-esponenti li n-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet tal-pajjiż kontra individwu, spe1jalment fi proċess penali, jikkonduċi għal ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq kif protett fil-Konvenzjoni Ewropea u rifless fil-Kostituzjoni."

9. Il-qorti tosserva illi għalkemm huwa minnu illi l-atturi ma invokawx formalment l-art. 382 tal-Kodiċi Kriminali, madankollu fir-rikors li bih inbdew il-proċeduri tallum jippremettu illi "ma ntqalx a bażi ta' xiex il-qorti kienet qed issib ħtija". L-art. 382 jgħid espressament illi "l-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati". Ma jistax għalhekk jingħad illi ma sarx dibattitu dwar il-fatturi meħtieġa taħt l-art. 382 għall-validità ta' sentenza kontra l-imputat.

10. Madankollu, ladarba dawn tallum huma proċeduri dwar drittijiet fondamentali u mhux appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati, li huwa relevanti mhuwiex daqstant jekk dik il-qorti ħarsitx dak li jgħid u jrid l-art. 382 – li hija pjuttost kwistjoni ta' dritt ordinarju milli ta' dritt kostituzzjonali – iżda jekk dak in-nuqqas iwassalx għal ksur ta' drittijiet fondamentali. L-iżball tal-Ewwel Qorti kien illi tqis in-nuqqas ta' tħaris tal-art. 382 bħala *ipso facto* ksur ta' dritt fondamentali meta kellha tistħarreġ aktar fil-fond u tara jekk dak in-nuqqas iwassalx għall-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq.

11. F'dan is-sens għalhekk – fis-sens illi ma kienx kompitu tal-Ewwel Qorti li tippronunzja dwar il-validità tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati taħt id-dritt ordinarju iżda li tara jekk in-nuqqasijiet fid-deċiżjoni jwasslux għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq – dan l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa ġustifikat. Dan ma jwassalx bilfors għat-tħassir tas-sentenza tal-Ewwel Qorti għax ikun issa jmiss lil din il-qorti li tgħid jekk in-nuqqasijiet fil-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kisrux il-jedd għal smigħ xieraq. Dan inkunu nistgħu nqisuh taħt it-tielet aggravju, dejjem jekk, qabel, jingħeleb it-tieni aggravju dwar ir-rimedji ordinarji, li sejrin ngħaddu biex inqisu issa.

Dwar jekk l-atturi kienx imisshom inqdew bir-rimedji li tagħti l-liġi ordinarja qabel ma fetħu l-kawża tallum

12. Fit-tweġiba tiegħu għar-rikors li bih l-atturi fetħu l-kawża tallum l-Avukat Ġenerali kien ressaq l-eċċezzjoni illi l-atturi kien imisshom inqdew bir-rimedju li l-liġi ordinarja tagħtihom li jappellaw mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati. L-Ewwel Qorti, kif rajna, ċaħdet din l-eċċezzjoni għax qalet illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx sentenza u għalhekk ma setax isir appell minnha. L-Avukat Ġenerali qiegħed issa jappella minn din il-parti tas-sentenza u fisser l-aggravju tiegħu hekk:

> "Joħroġ ċar mis-sentenza appellata li l-Ewwel Onorabbli Qorti warrbet din l-eċċezzjoni għaliex ladarba fil-fehma tagħha d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif riprodotta fil-verbal tas-seduta mhijiex sentenza valida għall-finijiet tal-artikoiu 382 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, allura r-rikorrenti appellati ma setgħux jappellaw mis-sentenza u b'hekk l-unika triq disponibbli għalihom kienet biss dik kostituzzjonali;
>
> "Bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponent ma jaqbilx li d-dritt tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali jiddependi fuq il-fatt jekk is-sentenza mogħtija mill-qorti inferjuri tkunx tissodisfa l-kriterji tal-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Appell minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali jista' jsir sew jekk id-deċiżjoni tkun tħares id-dispost tal-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sew jekk le. Jiġifieri l-fatt li pronunzjament finali tal-Qorti tal-Maġistrati ma jkunx konformi mar-rekwiżiti formali msemmija fl-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwiex ta' xkiel biex isir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Mhux talli hekk, talli persuna aggravata minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tista' permezz ta' appell appożitu titlob ir-revoka ta' dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali proprju fuq ir-raġuni li dik id-deċiżjoni ma tkunx saret skont l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> "… … …
>
> "Jimplika dan kollu li mhux talli ma jeżisti l-ebda impediment biex wieħed jappella quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn

sentenza mogħtija bi ksur tal-artikoli 382 u 482(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda talli min iħossu aggravat minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati jista' permezz ta' appell ifittex li jħassar dik is-sentenza fuq l-assunt li din tkun nieqsa minn xi ingredjent formali li trid il-liġi. F'dan ir-rigward għalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx korretta meta … … … qalet li r-rikorrenti kienu leġittimament diżorjentati fl-għażla tar-rimedju li setgħu jieħdu, bħalma lanqas ma kienet legalment korretta meta … … … sostniet li l-uniku rimedju disponibbli lir-rikorrenti kien dak kostituzzjonali."

13. Għal dan l-aggravju l-atturi wieġbu hekk

"Illi l-Avukat Ġenerali jgħid li l-kawża kostituzjonali kellha tkun riġettata għaliex l-esponenti ma eżawrewx ir-rimedji kollha qabel intavolaw dan ir-rikors odjern. Illi … … … jekk wieħed jeżamina ftit proċeduralment x'jiġri sabiex isir appell minn kawża kriminali, wieħed jifhem li dak li qed jgħid l-Avukat Ġenerali huwa skorrett.

"Ibda biex, għandu jingħad b'ċarezza li l-argument tal-appell kriminali huwa għal kollox skorrett, għaliex jekk il-qorti l-unika pista li kellha kienet li tikkundanna multa bħala disprezz u toħroġ mandat ta' arrest ebda individwu ma jipprospetta li mbagħad isib ruħu rinfaċċjat b'sentenza, b'mod li l-iżball tal-qorti jiġi inġustament spustat fuq l-individwu u tgħabbih sabiex jara t-termini tal-appell kriminali minħabba żball ta' ħaddieħor u li miegħu ma jkollux x'jaqsam huwa stess bħala akkużat;

"*Inoltre* fis-sommarju u anke l-kumpilazzjoni, biex jiġi intavolat appell, dak il-ħin stess, l-akkużat irid igħarraf lill-qorti li tkun pronunċjat is-sentenza li jkun fi ħsiebu jappella u tiġi mogħtija garanzija f'formola li jipprovdi ir-Reġistratur tal-qorti eżatt wara l-qari tas-sentenza, biex ikun hemm is-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza appellata. Illi jekk dina l-formola tal-garanzija għas-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ma tingħatax, l-appell konsegwentement intavolat ikun meqjus irritu u null. Issa wiehed jistaqsi fl-assenza tal-akkużati kif qatt allura seta' jiġi prospettat appell b'dawn id-diffikultajiet kollha pro-ċedurali li jaffettwaw il-validità tal-istess appell."

14. Fil-fehma ta' din il-qorti, l-Ewwel Qorti fixklet il-kunċett ta' validità ta' sentenza ma' dak tal-eżistenza tas-sentenza. Jista' jkun illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx tiswa għax ma ħarsitx dak li jgħid u jrid l-art. 382 tal-Qorti Kriminali, iżda dan ma jfissirx li mhijiex sentenza: għandha titqies sentenza għax temmet

il-proċess b'deċiżjoni dwar il-meritu, li kien jekk l-imputati kinux ħatja jew le. Bħala sentenza, seta' jsir appell minnha, ukoll bl-aggravju li ma ħarsitx dak li jrid l-art. 382.

15. L-atturi iżda jilmentaw li ma setgħux jappellaw għax ma setgħux jagħmlu tempestivament dak li hu meħtieġ biex isir appell billi ma kinux jafu bis-sentenza meta ngħatat.

16. Id-data tas-seduta kienet regolarment notifikata lill-atturi u għalhekk kien bi ħtija tagħhom li ma dehrux għas-seduta u ma sarux jafu fi żmien utli li ngħatat is-sentenza. Ma jistgħux minħabba n-negliġenza u n-nuqqas ta' għaqal tagħhom jistennew li jkollhom rimedji aktar milli kien ikollhom li kieku obdew it-taħrika u dehru għas-seduta. Jekk imbagħad kienet għażla deliberata tagħhom li ma jattendux, għax kienu jafu, fi kliemhom stess, li "l-qorti l-unika pista li kellha kienet li tikkundanna multa bħala disprezz u toħroġ mandat ta' arrest" u kellhom moħħhom mistrieħ illi ma kinitx sejra tingħata sentenza għax f'dawk iċ-ċirkostanzi "ebda individwu ma jipprospetta li mbagħad isib ruħu rinfaċċjat b'sentenza", il-ħtija tagħhom tkun akbar. Jekk il-qorti tagħtihom aċċess għar-rimedju li qiegħdin jippretendu minkejja n-nuqqas tagħhom li jfittxu r-rimedju li kienet tagħtihom il-liġi ordinarja, tkun qiegħda tagħti indulġenza mhix mistħoqqa lil dawk li, mixlija b'reat bħal dak li kienu bih mixlija l-atturi, ifittxu li jaqtgħu qalb il-parti ċivili billi darba ma jitlax imputat wieħed u darba ma jitlax l-imputat

l-ieħor, waqt li l-parti ċivili u x-xhieda jitilgħu l-qorti għalxejn, u b'hekk il-proċeduri jitwalu u min għandu interess ġenwin li l-kwistjoni tinqata' jispiċċa jaqta' qalbu, biex ma ngħidux ukoll li min ikun jaħti għad-dewmien imbagħad ifittex hu rimedju għax jgħid illi l-każ tiegħu ma jkunx inqata' fi żmien raġonevoli!

17. Barra minn hekk, u bla ħsara għal dan kollu, ukoll jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx sentenza fis-sens li hija ineżistenti bħala sentenza u għalhekk kif qalet l-Ewwel Qorti ma jistax isir appell minn ħaġa li ma teżistix – għalkemm, għar-raġunijiet mogħtija fuq, dan ma kienx il-każ – l-atturi għadhom sallum jistgħu jiksbu rimedju taħt il-liġi ordinarja billi jekk ma hemmx sentenza mela ma hemmx kundanna, u dak li ma kienx sentenza fil-bidu ma jsirx sentenza bil-mogħdija taż-żmien.

18. Għal dawn ir-raġunijiet, għalkemm huwa minnu illi bħala regola din il-qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha meta dik il-qorti tagħżel li tinqeda bis-setgħat tagħha taħt l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"], din il-qorti hija tal-fehma li fil-każ ta' llum in-nuqqasijiet tal-atturi tant huma lampanti u manifesti li ma għandhomx jiġu tollerati mingħajr ma b'hekk jiddgħajjef l-għan tad-dispożizzjonijiet taħt l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum,

jekk il-Qorti tħalli lill-atturi jfittxu rimedju kostituzzjonali għalkemm b'nuqqas tagħhom ma nqdewx bir-rimedju li kellhom taħt il-liġi ordinarja, tkun qiegħda tippermetti li jsir dak li ġustament wissa kontrieh l-Avukat Ġenerali meta fir-rikors tal-appell osserva illi:

> "… … … li kieku wieħed kellu jaċċetta l-manuvra adoperata mir-rikorrenti appellati, allura ma jkun hemm la bżonn ta' perijodu dekadenzjali li fih irid jiġi mressaq appell u lanqas bżonn ta' Qorti tal-Appell Kriminali biex isservi bħala qorti ta' reviżjoni fuq l-Ewwel Qorti. Dan għaliex *se mai* persuna dejjem tkun tista' tressaq kawża kostituzzjonali kull meta trid u jogħġobha mingħajr ma jkollha l-bżonn li tirrikorri quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Madankollu, din it-teżi hija għal kollox żbaljata, peress li assolutament mhuwiex l-iskop ta' kawżi kostituzzionali li jieħdu post il-kawżi ordinarji li kellhom u setgħu jiġu prospettati primarjament."

19. Għal dawn ir-raġunijiet it-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali qiegħed jintlaqa', u l-qorti tilqa' l-appell billi tgħid illi l-Ewwel Qorti kellha tagħżel illi ma tinqediex bis-setgħat tagħha taħt l-art. 46 tal-Kostituzzjoni u l-art. 4 tal-Kap. 319. Għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ħelset lill-konvenuti ħlief l-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju, tħassarha fil-bqija u tikkundanna lill-atturi jħallsu l-ispejjeż kemm tal-ewwel grad kif ukoll tal-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb